Carmel Cacopardo

# Kif tagħmel, jagħmlulek

*L-Orizzont*, 30 ta' Diċembru 2009

Naħseb li lkoll kemm aħna konxji li l-klima qiegħda tinbidel. L-istaġuni ma tafx iżjed meta jibdew jew meta jispiċċaw. Fis-sajf sħana kbira li dejjem iżżid. Xita qawwija f'ħin qasir f'kull żmien tas-sena b'għargħar aktar ta' spiss. Qegħdin niffaċċjaw estremi ta' temp. Dawn huma wħud mill-indikazzjonijiet li għandna f'Malta li l-klima qiegħda tinbidel.

F'pajjiżi oħrajn it-temp inbidel ukoll. Insegwu dak li qed jiġri fuq il-televiżjoni, bħall-għargħar riċenti f'Cumbria fit-Tramuntana tal-Ingilterra jew l-urugan Katrina li ħarbat l-istat ta' New Orleans fl-Istati Uniti tal-Amerika fi tmiem Awwissu, 2005. Inkella l-urugani spissi fl-istat Amerikan ta' Florida. Anki fl-Ewropa segwejna każi estremi ta' temp kemm fit-temperatura kif ukoll fl-għargħar ikkawżat direttament mix-xita inkella mill-fawran tax-xmajjar.

Il-parti l-kbira tax-xjenzjati jaqblu li dan kollu hu prinċipalment ir-riżultat akkumulat tul is-snin ta' emissjonijiet mill-ħruq ta' żjut u faħam biex il-bniedem jipproduċi l-enerġija, kif ukoll mit-trasport u minn proċessi industrijali. Naqsu wkoll il-foresti f'kull parti tad-dinja biex jittieħed l-injam tagħhom għall-ħatab, għall-bini ta' djar jew għal xi użu ieħor bħall-bini tax-xwieni fl-imgħoddi. Il-foresti naqsu wkoll biex żdiedet l-art għall-agrikoltura.

B'hekk id-dinja qiegħda żżomm is-sħana tax-xemx bħal f'serra bir-riżultat li t-temperatura madwarna qiegħda togħla ftit ftit. Dan iżda ma jseħħx bl-istess mod kullimkien. Ix-xjenzati huma tal-fehma li jekk it-temperatura taqbeż dik tal-bidu taż-żmien industrijali b'aktar minn 2 gradi Celsius, iseħħu tibdiliet kbar fil-klima. Tibdiliet li ħdejhom dak li seħħ s'issa jitqies bħala insinjifikanti. Rappreżentanti ta' gżejjer kemm fil-Paċifiku kif ukoll fil-Karibew qegħdin jinsistu li l-limitu massimu għandu jkun 1.5 gradi Celsius fuq it-temperatura taż-żmien pre-industrijali. Dan qegħdin jgħiduh għax huma diġà qegħdin iħossu wieħed mill-effetti tal-bidla fil-klima. Il-livell tal-baħar qed jogħla u dawk li joqogħdu f'uħud minn dawn il-ġżejjer diġà qed ikollhom idabbru rashom. L-ewwel refuġjati tal-klima fil-fatt kienu r-residenti tal-gżejjer Carteret fil-Papua New Guinea li diġà bdew jitgħattew bl-ilma baħar. Jikkalkulaw li sal-2015, dawn il-gżejjer ikunu mgħarrqin kompletament minħabba t-tibdil gradwali fil-livell tal-baħar.

Fl-Afrika wkoll it-temp inbidel drastikament. F'uħud mill-pajjiżi Afrikani bħas-Somalja, l-Etjopja u l-Eritrea hemm nixfa kbira minħabba n-nuqqas ta' xita fuq medda twila ta' żmien. Għaldaqstant, l-agrikoltura mhix tirrendi u n-nies m'għandhomx x'jieklu, u dan qed iwassal biex jemigraw lejn pajjiżi oħrajn. Uħud minnhom jaslu sal-Libja jew xi pajjiż ieħor bħall-Marokk u mbagħad jaqsmu lejn l-Ewropa, u fosthom hemm min jispiċċaw Malta. Numru mhux żgħir minn dawn l-immigranti li f'pajjiżna nsejħulhom "immigranti illegali" huma vittmi tal-bidla fil-klima.

Il-bidla fil-klima lilna f'Malta tista' teffettwana b'mod drastiku wkoll u dan fi żmien mhux wisq 'il bogħod. In-nuqqas ta' xita u l-għoli tal-livell tal-baħar se jkollhom effett dirett fuq l-agrikultura. L-ilma tal-pjan naqas sewwa kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità minħabba l-ispejjer ("boreholes"), kemm dawk legali kif ukoll dawk illegali. Jekk ikun baqa' ilma tal-pjan, dan se jkun ta' kwalità dejjem aktar baxxa għax isir salmastru minħabba li jitħallat miegħu l-ilma tal-baħar li l-livell tiegħu qed jogħla. L-ilma ma jkunx iżjed tajjeb biex jintuża la għax-xorb, la għat-tisqija u lanqas għall-industrija għax ikun wisq mielaħ. Ikun jeħtieg li jiġi trattat bir-"reverse osmosis" jew xi proċess ieħor li jkollu bżonn ħafna enerġija. Bla ilma, kif nafu, ma jista' jsir xejn.

Dakinhar li pajjiżna jirrealizza li ġie wiċċ imb wiċċ ma' din il-problema, dawk minna li jkunu għadhom jgħixu hawn, ikunu fl-istess pożizzjoni ta' dawn l-"immigranti illegali," refuġjati tal-klima huma wkoll u jibdew ifittxu xi mkien ieħor fejn jistgħu jgħixu.

Tgħid ikunu lesti li jaċċettaw li jkunu ttrattati bħall-immigranti li jaslu Malta llum? Li jkunu msakkrin, bl-għassa u b'detenzjoni ta' 18-il xahar imposta fuqhom mingħajr ma qatt m'għamlu ħsara lil ħadd?

Wara kollox mhux kif tagħmel jagħmlulek?